MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 9/2003

**John Calleja u Theodora ghan-nom u in rapprezentanza ta' J. Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd. Trading as John Calleja General Merchants**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' John Calleja *et nomine* datat 23 ta' Mejju 2003 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 kien inhareg avviz ta' waqfien u ta' twettiq kontra l-esponent mill-Awtorita' ntimata ghar-raguni li kienu qed jallegaw ksur tat-tieni kundizzjoni tal-permess numru PA 5394/88 datat 14 ta' Mejju 1999 u dana billi kienu jghabbu u jhottu barra mill-bini;

Illi fil-fatt fuq is-sit in kwistjoni kien inhareg permess ta' zvilupp hawn fuq citat u dana f'isem Paul Vella ghan-nom ta' P & S Limited, liema permess kien jikkoncerna zvilupp ta' sular addizzjonali sottopost ghal zvilupp gja' approvat ghall-finijiet ta' magazzinar u biex jghaqqad mahzen ta' l-ikel li kien jinsab adjacenti;

Illi fost il-kundizzjonijiet imposti, dik enumrata bhala (2) kienet tghid precizament *"Any loading and unloading is to take place inside the building";*

Illi fil-fatt l-avviz ta' waqfien u ta' twettiq meritu ta' dina l-procedura kien inhareg appuntu minhabba allegazzjoni da parti ta' l-Awtorita' ntimata li l-esponent kien qieghed ihott u jghabbi l-merkanzija barra mis-sit;

Illi fil-5 t'Ottubru 2001, l-esponent kien appella kontra l-hrug tal-precitat avviz ghal sensiela ta' ragunijiet fosthom dwar l-interpretazzjoni li trid tinghata ghal kundizzjoni li kienet giet imposta fuq il-permess originali u li dwarha kienet qieghda ssir allegazzjoni ta' ksur;

Illi permezz tad-decizjoni taghha datata 14 ta' Mejju 2003, Il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar cahad l-appell impost mill-esponent u kwindi kkonferma l-Avviz ta' Waqfien u ta' Twettiq numru ECF 974/01 mahrug fil-konfront tieghu noe b'dan pero' illi l-avviz ma kellux jibda jidhol fis-sehh qabel sittax-il gurnata mid-data ta' l-istess decizjoni;

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawk kif gja' spjegati hawn fuq b'mod kienu dawk kif gja' spjegati hawn fuq b'mod kronologiku *oltre* ghall-fatt illi l-esponent u l-haddiema tieghu ma kienux qed ihottu u jghabbu l-merkanzija barra fit-triq izda tali ezercizzju kien effettivament qed jigi esegwit gewwa s-sit in kwistjoni. Fil-fatt id-differenza principali bejn iz-zewg nahat, liema divergenza hija l-pern tal-kwistjoni bejn il-kontendenti tikkoncerna l-interpretazzjoni legali li ghandha tinghata ghall-kundizzjoni precitata mahruga fil-permess originali;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat mid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fuq indikata u ghal din ir-raguni huwa qieghed jinterponi appelli minnha permezz ta’ l-odjern rikors.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f’dan li gej:-

1. Illi kif gja’ nghad id-divergenza ta’ bejn il-kontendenti tikkoncerna l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-kundizzjoni mposta fil-permess originali dwar fejn ghandu jigi attwat il-*“loading and unloading”;*

2. Illi filwaqt li l-esponent qed jaghti nterpretazzjoni (a) flessibbli, (b) funzjonabbli, u (c) konformi ma’ regoli u ligijiet ohra – mill-banda l-ohra l-Bord ta’ l-Appell u l-Awtorita’ ntimata ghazlet li taghti nterpretazzjoni (a) rigida, (b) imprattikabbli, u (c) konfliggenti ma’ regoli u ligijiet ohra;

3. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Meta giet imposta l-kundizzjoni fuq citata mal-hrug tal-permess originali, din kienet intiza sabiex tirrestringi l-operat in kwistjoni da parti tas-socjeta’ esponenta gewwa mahzen in kwistjoni u b’mod partikolari sabiex ma jsir ebda operat tali barra t-triq ghal ragunijiet ovvji;

b) Illi permezz ta’ tali kundizzjoni, l-Awtorita’ li hargitha b’ebda mod ma riedet tfisser li l-vettura li ggib ix-xoghol kellha bilfors tidhol gewwa s-sit in kwistjoni – li kieku riedet timponi tali kundizzjoni f’dan is-sens kienet tispecifikah fl-istess kundizzjoni ossia permezz ta’ kundizzjoni ohra;

c) Fil-fatt bil-kundizzjoni mahruga, l-Awtorita’ riedet biss tikkontrolla minn fejn jigi esegwit l-operat tal-hatt u tat-taghbija u mhux fejn ghandha tigi parkeggjata l-vettura in kwistjoni;

d) Illi ghalhekk, kemm l-Awtorita’, li harget l-avviz mertu ta’ dina l-kawza u kif ukoll il-Bord in kwistjoni, li hareg bid-decizjoni kontra liema hemm l-appell odjern, huma erronji fl-argument u nterpretazzjoni taghhom u cjoe’ li dik il-

kundizzjoni tfisser li t-trakk kollu jkun gewwa s-sit in kwistjoni;

e) Illi l-esponent jikkontendi li bl-operat tieghu ta’ hatt u taghbija, huwa fil-fatt kien u ghadu qed jagixxi in konformi ma’ l-imsemmija kundizzjoni, u dana peress li l-operat effettiv u fattwali li permezz tieghu huwa kien u ghadu qed ihott u jghabbi l-merkanzija qed jigi esegwit mill-bidu sa l-ahhar gewwa s-sit in kwistjoni, u cjoe’ mill-bieb ’il gewwa tas-sit in kwistjoni. Fil-fatt il-kaxxa tat-trakk tkun qieghda gewwa fl-intier taghha u l-haddiema u l-ingenji wzati *(forklifter)* ikunu qed jesegwixxu x-xoghol u jhottu u li jghabbu gewwa l-fond *de quo* u ghalhekk f’ebda hin ma jkunu qed ihottu u jghabbu mill-bieb ’il barra tal-fond;

f) Illi ghalhekk huwa rrilevanti l-kabina tat-trakk fejn tkun qieghda, cjoe’ hux fil-bieb jew ’il hinn mill-bieb diment li l-kaxxa minn fejn qed isir ix-xoghol in kwistjoni tkun tinstab kollha gewwa;

g) Illi dan huwa l-mod flessibbli u prattikabbli kif ghandha tigi nterpretata legalment il-kundizzjoni mposta, u cjoe’ mhux b’mod u manjiera li ma tkunx taghmel ebda sens – il-kundizzjoni titkellem fuq funzjoni partikolari ta’ xoghol u mhux fejn ghandha tigi parkeggjata l-vettura – kif gja’ nghad tali funzjoni partikolari ta’ xoghol qieghda tigi esegwita kollha ’l gewwa mill-bieb ta’ barra, u cjoe’ in konformi mal-permess kif mahrug;

h) Illi ghar-rigward il-konsiderazzjoni l-ohra maghmula, u cjoe’ dik li kull regola, ligi, permess u/jew kwalsiasi ordni maghmula minn Awtorita’ kompetenti dejjem ghandha tigi meqjusa, interpretata u presunta b’mod u manjiera li taghmel sens legali, u in konformi mal-ligi *oltre* li bla dubju ghandha tigi tassew interpretata in konformita’ mal-ligijiet u/jew regoli ohra konnessi u zgur mhux in konflitt ma’ l-istess ligijiet u regoli;

i) Illi fil-kaz in ezami li kieku wiehed jinterpreta l-kundizzjoni tal-*Loading and unloading* skond kif qed jidhrilha l-Awtorita’, u cjoe’ li anke l-vettura nvoluta trid tkun parkeggjata kollha gewwa s-sit in kwistjoni, din tmur

kontra l-ligi sanitarja peress illi mhux biss ser ikollok vettura ossia trakk tal-garr qed jahdem f'post maghluq minghajr wisq ventilazzjoni adekwata ghal tali ghan u allura tkun isservi ta' hsara ghal bniedem u cjoe' ghall-haddiema li jkunu qed jahdmu izda sahansitra sejra sservi ta' dannu sostanzjali ghall-prodotti ta' l-ikel li qed jigu mahzuna hemm gew ghax wara kollox hawn si tratta ta' mahzen li l-iskop tieghu huwa dak ta' magazzinagg ta' prodotti ta' l-ikel.

j) Illi tali nterpretazzjoni mhux talli hija zbaljata, mhux talli kontra kull regola sanitarja, izda sahansitra hija wahda ta' natura assolutament projbittiva;

k) Illi ghalhekk l-unika nterpretazzjoni plawsibbli, ragjonevoli u legali li tista' tinghata ghall-imsemmija kundizzjoni hija biss dik kif esposta mill-appellant, u cjoe' li ma hemmx bzonn li t-trakk ikun parkeggjat gewwa l-mahzen sabiex tasal ghall-ezercizzju u operat tal-hatt u/jew taghbija tal-merkanzija minn gewwa s-sit – fi kliem iehor l-ipparkeggjar tal-vettura barra mill-fond *de quo* bil-kaxxa thares 'il gewwa b'ebda mod ma teskludi l-operazzjoni tal-garr tal-merkanzija minn gewwa l-fond kif tesigi l-kundizzjoni mposta.

Ghaldaqstant, l-esponent filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha fuq citati u jirriserva illi jahmel osservazzjonijiet u provi ulterjuri li jkun hemm bzonn, jitlob bir-rispett illi d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 14 ta' Mejju 2003 fil-process fl-ismijiet fuq premessi ghandha tigi revokata u mhassra ghal kollox u tilqa' u takkorda l-appell li sar mill-odjern esponent kontra l-Avviz ta' Waqfien u ta' Twettiq precitat billi thassar u tirrevoka l-imsemmi avviz u tiddikjarah null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' Lulju 2003 (a fol. 17) fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"John Calleja u Theodora ghan-nom u in**

**rapprezentanza ta' J Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd. Trading kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Ian Stafrace pprezenta risposta *seduta stante*;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol 19 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar** li jghid illi:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Nferjuri)".*

Illi dan kien konfermat diverzi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996 u fil-kawza **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 t'April 1996.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, u **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 gie riaffermat kostantement dan il-principju.

Fil-kawza **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997, naraw illi din id-decizjoni tapplika perfettament ghall-kaz in ezami ghaliex il-Bord dahal biss u ddecieda biss fuq punti teknici u fl-ebda lok ma tqajment punt ta' ligi jew gie deciz punt ta' ligi:-

*"Johrog car minn id-dispozizzjoni, u cjoe' l-artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-*

*Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess pun ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta".*

2. Illi fuq is-sit mertu tal-vertenza fl-ewwel aggravju tieghu, *"id-divergenza ta' bejn il-kontendenti tikkoncerna l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghal kundizzjoni mposta fil-permess originali dwar fejn ghandu jigi attwat il-loading and unloading".* Illi l-Bord ta' l-Appelli gie mitlub u fil-fatti ddecieda fuq dan il-punt tekniku u xejn aktar.

Illi l-lanjanza ta' l-appellant quddiem il-Bord ta' l-Appell kienu fis-sens illi jkun ferm imprattikabbli li l-hatt u t-taghbija mit-trakkijiet isiru bit-trakkijiet gewwa ghaliex fil-mahzen ma hemmx spazju bizzejjed sabiex dan isir.

Illi l-Bord ta' l-appell ezamina l-kundizzjoni li timponi l-hatt u taghbija ssir gewwa u qal hekk:-

*"Dan il-Bord wara li ezamina l-provi kollha huwa tal-fehma illi effettivament qieghed issir ksur tal-permess PA 5394/98 u ma jistax jaccetta t-tezi ta' l-appellanti noe illi qeghdin jottemperaw rwiehhom mal-kundizzjoni tal-permess. Din il-kundizzjoni ghandha tigi nterpretata fis-sens logiku taghha, u cjoe' illi l-operazzjoni tal-hatt u taghbija kollha <u>mill-bidu sa l-ahhar</u> ghandha ssir gewwa s-sit u ghalhekk isegwi illi kull parti minn din l-operazzjoni hija pprojbita milli ssir barra t-triq. Dan il-Bord ezamina l-pjanti approvati u ra illi l-ebda parti mis-sit m'huwa ndikat ghal loadind u unloading. Per il-kundizzjoni numru 2 tal-permess ghandu jkollu precedenza fuq il-pjanti approvati, u jirrizulta minn minuta 13 datata 29 ta' Marzu 1999 u ffirmata mic-Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-*

*Izvilupp illi din il-kundizzjoni giet imposta specifikament mill-istess Kummissjoni meta l-permess kien gie approvat."*

Illi meta wiehed jara din l-interpretazzjoni li l-Bord ghamel, wiehed ma jistax ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni ghaliex kif qal il-Bord stess, hija l-aktar interpretazzjoni logika u evidenti u li din kienet l-unika nterpretazzjoni li l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kellu f'mohhu meta mponiha. Dana biex jevita li trakkijiet ikunu pparkjati jew sporguti fit-triq u ghalhekk ikunu jistghu jikkrejaw ostakolu ghall-vetturi ohra jew ghan-nies tal-lokal.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-Awtorita' esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi fil-Ligi, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellanti John u Theodora Calleja noe u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni ta' l-erbatax (14) ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **"John Calleja u Theodora ghan-nom u in rapprezentanza ta' J. Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd. Trading as John Calleja General Merchants vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".**

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2004 fejn l-appellant u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat l-appell dezert *ai termini* tal-**artikolu 209 (2) tal-Kap.12;**

Rat ir-rikors ta' John Calleja et datat 22 ta' Jannar 2004 fejn talab li l-appell jigi riappuntat minn dezert sabiex jigi trattat u dezert.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2004 fejn laqghat it-talba u rriappuntat l-appell ghas-smiegh ghat-2 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Marzu 2004; u tat-12 ta' Mejju 2004 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie

differit ghas-27 ta’ Jannar 2005 wara l-10.00a.m. ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna huma s-segwenti:-

Illi kien inhareg permess ta’ zvilupp PA 5394/88 datat 14 ta’ Mejju 1999 f’isem Paul Vella ghan-nom ta’ P & S Limited, liema permess kien jikkoncerna zvilupp ta’ sular addizzjonali sottopost ghal zvilupp gja’ approvat ghall-finijiet ta’ magazzinar u biex jghaqqad mahzen ta’ l-ikel li kien jinsab adjacenti. Fost il-kondizzjonijiet imposti kien hemm klawsola mposta li kienet tghid: *“any loading and unloading is to take place inside the building”.*

Illi fl-4 ta’ Ottubru 2001 inhareg Avviz ta’ Waqfien u ta’ Twettiq kontra l-appellant mill-Awtorita’ ntimata minhabba li allegatament kienet qed tinkiser il-kundizzjoni msemmija billi kienu qed ighabbu u jhottu barra mill-bini.

Illi fil-5 ta’ Ottubru 2001 l-appellant appella kontra l-hrug ta’ dan l-avviz ghal diversi ragunijiet fosthom dwar l-interpretazzjoni li trid tinghata ghall-kundizzjoni li kienet giet imposta fuq il-permess originali.

Illi l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell interpost. B’hekk sar ir-rikors odjern. L-appellant isostni li d-differenza principali bejn iz-zewg nahat tikkoncerna l-interpretazzjoni legali li ghandha tinghata ghall-kundizzjoni mahruga fil-permess originali. *Inoltre* filwaqt li huwa qed jaghti nterpretazzjoni (a) flessibbli, (b) funzjonabbli u (c) konformi ma’ regoli u ligijiet ohra; min-naha l-ohra l-Bord ta’ l-Appell u l-Awtorita’ appellata ghazlu li jaghtu nterpretazzjoni (a) rigida, (b) imprattikabbli u (c) konfliggenti ma’ regoli u ligijiet ohra. Huwa elenka diversi ragunijiet.

Illi min-naha taghha l-Awtorita' appellata eccepiet preliminarjament li l-appell mhux qed isir minn punt ta' ligi kif rikjest mill-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar.**

Illi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju 1996 inghad illi:

*"Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi wkoll fil-kawza **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996 inghad ukoll illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament*

*decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Illi fl-istess imsemmija sentenza ta' **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-**artikolu 15(2)** li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar:*

*"punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu). Dwar dawn biss hemm appell lil din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza' kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz".*

Illi fis-sentenza **"Ludwig Camilleri *nomine vs.* Chairman tal-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.C. 28 ta' Frar 1997) inghad:-

*"Illi din il-Qorti, kif presjeduta u komposta, ma jidhirliex li ghandha l-gurisdizzjoni li tinvestiga u tiddeciedi dan l-aggravju tal-appellant. Dan billi l-gurisdizzjoni taghha hija strettament limitata ghall-appelli fuq punti ta' dritt decizi mill-Bord (Art.15 (2) tal-Att Numru I tal-1992). Il-kwistjoni ta' dritt li fuqha ghandu jigi bbazat appell quddiem din il-Qorti trid tkun kwistjoni li ffurmat kontroversja quddiem il-Bord u giet definita u deciza minnu … … Certament mhux lecitu ghall-appellant li jressaq quddiem din il-Qorti kwalunkwe kwistjoni ohra ta' dritt sabiex jittanta jirrendi d-decizjoni appellabbli. L-aggravju odjern tal-appellant, ibbazat fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' osservanza ta' principju ta' gustizzja naturali, seta' ta lok ghal stharrig gudizzjarju ('judicial review'), kif previst mill-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12)**. L-istess*

*aggravju, izda ma hux sindikabbli minn din il-Qorti fil-kors tal-appell taht il-ligi specjali msemmija, billi din il-ligi ma kkonferietx fuqha l-gurisdizzjoni mehtiega u konsegwentement l-aggravju in kwistjoni ma jistax jitqies minn din il-Qorti f'dan l-appell".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Tony Zahra vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A.C. 6 ta' Mejju 1998) u cjoe':-

*"Dan kollu qieghed jinghad ghall-kompletezza, billi anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibbilta' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dan billi l-ligi taghti dritt ta' appell biss u tassattivament, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord".*

*Illi l-istess sentenza tkompli tghid b'mod mill-aktar car il-limiti li l-appell skond id-dispozizzjonijiet imsemmija taht l-**Att Numru I tal-1992** huma permessibbli, u cjoe':-*

*"Il-Qorti qeghda taghmel din l-osservazzjoni ghaliex il-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista' u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi relevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrelevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindikabbli minn din l-Qorti f'appelli bhal dawn".*

Illi a bazi tal-premess, jidher li s-sitwazzjoni hija ben definita, u din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li

ovvjament hija nnfisha tosserva l-istess, ghaliex l-awtorita' taghha hija hekk limitata bil-ligi, ligi specjali li fiha nfisha hija cara u li tillimita b'mod mill-aktar tassattiv il-gurisdizzjoni taghha bhala Qorti tal-Appell fuq punt ta' dritt; dan ma jfissirx li l-persuna aggravata b'decizjoni tal-Bord t' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ghandhiex rimedji ohra li tista' anke ssegwi wkoll quddiem il-Qrati ordinarji, u anke Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali, pero' certament li mhux fl-ambitu ta' appell minn decizjoni tal-Bord ta' Appell lil din il-Qorti taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) tal-Att I tal-1992,** dment li tali appell ma jaqax kif hemm indikat b'mod mill-aktar skjett u definit.

Illi kif qal tajjeb l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu d-divergenza ta' bejn il-kontendenti tikkoncerna l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghal kundizzjoni mposta fil-permess originali dwar fejn ghandu jigi attwat il-*"loading and unloading".*

Illi meta l-Bord ezamina l-kundizzjoni mertu tal-vertenza quddiemu ddecieda hekk:-

*"Dan il-Bord wara li ezamina l-provi kollha huwa tal-fehma illi effettivament qieghed isir ksur tal-permess PA 5394/98 u ma jistax jaccetta t-tezi tal-appellanti noe illi qeghdin jottemperaw rwiehhom mal-kundizzjoni tal-permess. Din il-kundizzjoni ghandha tigi nterpretata fis-sens logiku taghha u cjoe' illi l-operazzjoni tal-hatt u taghbija kollha* <u>*mill-bidu sal-ahhar*</u> *ghandha ssir gewwa s-sit, u ghalhekk isegwi illi kull parti minn din l-operazzjoni hija pprojbita milli ssir barra t-triq. Dan il-Bord ezamina l-pjanti approvati u ra illi l-ebda parti mis-sit mhuwa ndikat ghal loading & unloading. Pero', il-kundizzjoni numru 2 tal-permess ghandu jkollu precedenza fuq il-pjanti approvati u jirrizulta minn minuta numru 13 datata 29 ta' Marzu 1999 u ffirmata mic-Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp meta l-permess kien gie approvat."*

Illi l-Bord kompla billi ghamel referenza ghall-ittra tal-perit li kien responsabbli ghax-xoghlijiet li saru u li huwa l-istess perit li kien qed jirrapprezenta lill-appellanti fil-proceduri. Fis-sentenza tal-Bord din giet ikkwotata fl-intier taghha.

Din il-Qorti se tikkwota biss l-ahhar sentenza fejn il-perit kien issottometta:

*"Larger better planned premises with facilities for loading within them will therefore reduce rather than increase any negative impact on the street".*

Illi ghalhekk il-Bord l-ewwel ta l-interpretazzjoni tieghu tal-imsemmija kundizzjoni, cjoe' li l-operazzjoni tal-hatt u tghabija kollha mill-bidu sal-ahhar ghandha ssir gewwa s-sit u kull parti minn din l-operazzjoni hija pprojbita milli ssir barra t-triq.  Wara tali nterpretazzjoni l-Bord ezamina l-provi li kellu quddiemu. Jinghad li l-allegazzjoni tal-ksur tal-kundizzjoni kienet ibbazata fuq il-fatt li kien qieghed isir hatt u taghbija barra mis-sit.  Mir-rapport tal-*enforcement officer* li hareg u ffirma l-avviz irrizulta li wara li kien sar ilment is-sit in kwistjoni gie spezzjonat u rrizulta li kien hemm trakk ipparkjat fit-triq tal-genb u kien qed jitghabba b'oggetti tal-ikel.

Illi fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti elenkaw ir-ragunijiet tieghu ghalfejn ma qabilx ma' l-interpretazzjoni moghtija. Huwa qal li l-kundizzjoni kienet intiza sabiex tirrestringi l-operat gewwa l-mahzen u b'mod partikolari sabiex ma jsir ebda operat barra t-triq. Illi permezz ta' tali kundizzjoni l-Awtorita' b'ebda mod ma riedet tfisser li l-vettura li ggib ix-xoghol kellha bilfors tidhol gewwa s-sit in kwistjoni – li kieku riedet timponi tali kundizzjoni f'dan is-sens kienet tispecifikah.  L-Awtorita' riedet biss tikkontrolla minn fejn jigi esegwit l-operat tal-hatt u tat-taghbija u mhux fejn ghandha tigi parkeggjata l-vettura in kwistjoni.  B'hekk l-Awtorita' u l-Bord skond huwa huma erronji fl-argument u nterpretazzjoni taghhom.

Illi huwa jikkontendi li bl-operat tieghu fil-fatt kien u ghadu qed jagixxi in konformita' ma' l-imsemmija kundizzjoni, u dan peress li l-operat effettiv u fattwali li permezz tieghu huwa kien u ghadu qed ihott u jghabbi l-merkanzija qed jigi esegwit mill-bidu sa l-ahhar gewwa s-sit in kwistjoni, u cjoe' mill-bieb 'il gewwa tas-sit in kwistjoni. Fil-fatt il-kaxxa tat-trakk fl-intier taghha u l-haddiema u l-ingenji wzati *(forklifter)* ikunu qed jesegwixxu x-xoghol li jhottu gewwa l-

fond u f'ebda hin ma jkunu qed ihottu u jghabbu mill-bieb 'il barra tal-fond. B'hekk huwa rrilevanti il-kabina tat-trakk fejn tkun qieghda, cjoe' hux fil-bieb jew 'l hinn mill-bieb diment li l-kaxxa minn fejn qed isir ix-xoghol in kwistjoni tkun tinstab kollha gewwa.

Illi minn dan kollu jirrizulta li kif qalu l-appellanti nnifishom huma mhux qed jaqblu ma' l-argument u nterpretazzjoni moghtija mill-Awtorita' u mill-Bord. Ir-ragunjiet li ressaq huma biss fattwali u l-ebda wahda minnhom m'huma qed jattakkaw xi punt ta' ligi li gie deciz mill-Bord. Huma sempliciment elenkaw l-mod ta' kif jinterpretaw il-kundizzjoni huma pero' dan ma jaghtihomx dritt ta' appell quddiem din il-Qorti skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 tal-Kap 356.** Din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni taghha limitata bil-ligi nnifisha ghall-punti ta' ligi decizi mill-Bord u m'ghandhiex il-fakolta' li tissindaka l-interpretazzjoni li l-istess Bord ta' l-Appell wasal ghaliha, ladarba l-istess Bord manifestament ghandu l-poter li jaghti l-interpretazzjoni tal-permessi mahruga mill-Awtorita' u sabiex jaghmel dan ma jaghmel xejn kontra l-ligi.

Illi l-appellant *proprio et noe* ghamel konsiderazzjoni fis-sens li kull regola, ligi, permess u/jew kwalsiasi ordni maghmula minn Awtorita' kompetenti dejjem ghandha tigi meqjusa, interpretata u presunta b'mod u manjiera li taghmel sens legali w in konformi mal-ligi *oltre* li bla dubju ghandha tigi tassew interpretata in konformita' mal-ligijiet u/jew regoli ohra konnessi u zgur mhux in konflitt ma' l-istess ligijiet u regoli. Huwa kompla jsostni li kieku wiehed jinterpreta l-imsemmija kundizzjoni skond kif qed jidhrilha l-Awtorita' u cjoe' li anke l-vettura nvoluta trid tkun parkeggjata kollha gewwa s-sit in kwistjoni, din tmur kontra l-ligi sanitarja peress li mhux biss ser ikollok vettura ossia trakk tal-garr qed jahdem f'post maghluq minghajr wisq ventilazzjoni adekwata ghal tali ghan u allura tkun isservi ta' hsara ghal bniedem u cjoe' ghall-haddiema li jkunu qed jahdmu izda sahansitra sejra sservi ta' dannu sostanzjali ghal prodotti ta' l-ikel li qed jigu mahzuna hemm gew ghax wara kollox si tratta ta' mahzen li l-iskop tieghu huwa dak ta' magazzinagg ta' prodotti ta' l-ikel.

B'hekk l-interpretazzjoni moghtija mill-Bord mhux talli hija zbaljata, mhux talli tmur kontra kull regola sanitarja izda sahansitra hija wahda ta' natura assolutament projbittiva.

Illi anke dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-appellanti mhumiex hlief punti ta' fatt u zgur li ma jinkwadrawx ruhhom taht id-defenizzjoni ta' punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord imsemmi fid-dispozizzjonijiet relattiva tal-ligi. *Inoltre* ghall-korrettezza jinghad li anke dak li sostna l-appellant fis-sens li dak rikjest mill-Awtorita' appellata huwa ta' natura assolutament projbittiva lanqas mhu korrett. Infatti meta fil-proceduri quddiem il-Bord xehed il-*Principal Health Inspector* tan-*North Region* Clive Tonna spjega li kienet saret spezzjoni da parti ta' ufficjal iehor u l-ittra mahruga minnu kienet harget peress li kien sab karozza startjata gewwa s-sit li seta' ta lok ghall-kontaminazzjoni. Huwa gie kkwotat li qal testwalment:- *"Id-Dipartiment ma jsibx oggezzjoni illi karozza tidhol gewwa l-fond basta jkun hemm separazzjoni fizika biex id-duhhan ta' l-exhaust ma jikkontaminax l-ikel."* Kif qal tajjeb il-Bord jistghu facilment isiru xi modifiki biex l-appellant *nomine* ma jmurx kontra r-regoli sanitarji u mhux jippretendi li l-kundizzjoni mposta mill-Awtorita' appellata tigi nterpretata bil-mod kif jaqbel lilu u bhala konsegwenza jiffranka tali modifiki li hemm bzonn.

Illi ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud *stante* li ma huwiex permissibbli a bazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** u huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata fir-risposta taghha datata 24 ta' Novembru 2003 u tiddikjara li dan l-appell ma hwiex permessibbli a bazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356,** ghalhekk **tichad l-appell interpost mill-appellanti John Calleja u Theodora ghan-nom u in rapprezentanza ta' J Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd. Trading as John Calleja General Merchants datat 23 ta' Mejju 2003,** *stante* li huwa

nsostenibbli fid-dritt peress li l-appell maghmul huwa null u bla effett u mhux permissibbli a bazi ta' l-**artikolu 15(2) tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta,** b'dan ghalhekk li d-decizjoni tal-Bord ta' L-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Calleja John u Theodora ghan-nom u in rapprezentanza ta' J. Calleja (Caterers & Wholesalers) Ltd Trading as John Calleja General Merchants vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** tal-14 ta' Mejju 2003 qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti fil-kwalita' taghhom premessa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------